

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	MeDiTA Medizinische Kurierdienst- und Handelsgesellschaft mbH
Trade mark jew sinjal invokat in sostenn tal-oppożizzjoni:	Trade mark verbali Ġermaniża MeDiTA għal servizzi fil-klassijiet 35 u 39, peress li l-oppożizzjoni saret kontra r-reġistrazzjoni għall-klassi 35
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni milqugħha
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) PVS – Privatärztliche Verrechnungsstelle Rhein Ruhr GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

## Digriet tal-Qorti Ġeneral (L-Ewwel Awla) tal-5 ta' Ottubru 2010 – Provincie Groningen u Provincie Drenthe vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-69/09)

“Rikors għal annullament — FEŻR — Deċiżjoni li tnaqqas l-ghajjnuna finanzjarja u li tordna r-imbors parpjali tas-somom imħallsa — Entità reġjonali — Nuqqas ta’ interess dirett — Inammissibbiltà”

*Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment — Interess dirett — Kriterji — Deċiżjoni tal-Kummissjoni, indirizzata lil Stat Membru, li tnaqqas l-ġħajjnuna finanzjarja mogħtija mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li tordna r-rimbors parżjali tas-somom imħallsa — Rikors ippreżentat minn entitajiet reġjonali indikati bħala l-benefiċjarji ta’ din l-ġħajjnuna — Nuqqas ta’ interess dirett — Inammissibbiltà (ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 230 KE) (ara l-punti 30-34, 37-39, 41, 42, 45, 53, 54)*

## Suġġett

Talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) 8355, tal-11 ta’ Diċembru 2008, li tnaqqas l-ġħajjnuna finanzjarja mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mogħtija fuq il-bażi tad-Dokument ta’ programmar individwali Nru 97.07.13.003, li jaqa’ taħt l-Obbjettiv Nru 2, dwar ir-reġjuni ta’ Groninge u Drenthe (il-Pajjiżi l-Baxxi), skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (1997) 1362, tas-26 ta’ Mejju 1997.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Provincie Groningen u Provincie Drenthe huma kkundannati għall-ispejjeż.